MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1991/2002

**Middlesea Insurance plc u Joe Ciscaldi**

**vs**

**John Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 t'Awissu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u wiehed u erbghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm941.40), in kwantu ghal tmien mija u wiehed u disghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm891.40) bhala somma sborsata mill-kumpanija assikuratrici Middlesea Insurance plc u hamsin lira Maltija (Lm50.00) sborsati mill-attur Joseph Ciscaldi, ghad-danni kkagunati lill-vettura b'registrazzjoni EAK-396 rizultat ta' l-incident stradali li sehh fid-19 ta' Settembru, 1998 fi Triq il-Mizieb, San Pawl il-Bahar**

**bejn il-vettura hawn fuq imsemmija u l-vettura BAE-801 tal-konvenut John Camilleri u misjuqa minnu stess, liema incident sehh unikament tort tieghu;**
**Illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 13 ta' Settembru, 2000, baqa' nadempjenti;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li fis-seduta tat-8 t'Ottubru, 2002, il-konvenut iddikjara li ma hemmx kontestazzjoni dwar ir-responsabilita`, izda kien qed jikkontesta l-kwantum tad-danni. Inoltre fis-seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002, il-konvenut eccepixxa li mhux il-legittimu kontradittur.**

**Semgha x-xhieda ta' Emmanuel Camilleri u ta' John Camilleri. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**Emmanuel Camilleri, iben il-konvenut, xehed li dakinhar ta' l-incident hu kien qed isuq il-vettura BAE-801. Jidher li l-pulizija hadu d-dettalji mill-licenzja u tnizzel isem-il missier, John Camilleri, il-konvenut odjern. Fl-istess sens xehed il-konvenut, li kkonferma li l-karrozza BAE-801 isuqha ibnu, pero` hi registrata fuq ismu. Il-konvenut iddikjara li ma kienx prezenti meta gara l-incident de quo.**

**Ghaldaqstant peress illi jirrizulta li l-konvenut ma kellu xejn x'jaqsam ma' l-incident in kwistjoni, it-Tribunal qed jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju peress li mhux il-legittimu kontradittur, u jichad it-talbiet tas-socjeta` attrici fil-konfront tieghu, salv u impregudikat kull dritt tas-socjeta` attrici kontra terzi.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta` attrici skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------